

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-ISVIZZERA

tal-15 ta' Marzu 2012

li temenda t-Tabelli III u IV (b) tal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward ta' prodotti agrikoli proċessati

(2012/165/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera, iffirmit fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1972 ⁽¹⁾ minn hawn 'il quddiem imsemmi "il-Ftehim", kif emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Ftehim fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli proċessati ⁽²⁾ ffirmit fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004, u l-Protokoll Nru 2 tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 ta' dak il-Protokoll,

Billi:

- (1) Għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, ġew stabbiliti prezzijiet domestiċi ta' referenza għall-Partijiet Kontraenti.
- (2) Inbidlu l-prezzijiet reali fis-swieq domestiċi tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-materja prima li għaliha huma applikati miżuri ta' kumpens tal-prezzijiet.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li l-prezzijiet ta' referenza u l-ammonti elenkati fit-Tabelli III u IV (b) tal-Protokoll Nru 2 jiġu aġġornati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

- (a) It-Tabella III tinbidel bit-test stabbilit fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni;
- (b) Fit-Tabella IV, il-punt (b) jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' April 2012.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt
Il-President*

Jacques DE WATTEVILLE

⁽¹⁾ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.

⁽²⁾ ĠU L 23, 26.1.2005, p. 19.

ANNEX I

"TABELLA III

Il-prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-UE u l-Isvizzera

Materja prima agrikola	Il-prezz domestiku ta' referenza tal-Isvizzera	Il-prezz domestiku ta' referenza tal-UE	Artikolu 4(1) Applikat fuq in-naħa Svizzera id-Differenza fil-prezz ta' referenza Svizzera / UE	Artikolu 3(3) Applikat fuq in-naħa tal-UE id-Differenza fil-prezz ta' referenza Svizzera / UE
	CHF għal kull 100 kg nett	CHF għal kull 100 kg nett	CHF għal kull 100 kg nett	EUR għal kull 100 kg nett
Qamħ komuni	49,25	25,50	23,75	0,00
Qamħ durum	—	—	1,20	0,00
Segala	40,25	28,95	11,30	0,00
Xgħir	—	—	—	—
Qamħirrum	—	—	—	—
Dqiq tal-qamħ komuni	98,30	48,75	49,55	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	616,00	366,75	249,25	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	430,40	285,75	144,65	0,00
Butir	1 090,10	485,55	604,55	0,00
Zokkor abjad	—	—	—	—
Bajd	—	—	38,00	0,00
Patata friska	41,75	17,00	24,75	0,00
Xaħam veġetali	—	—	170,00	0,00"

ANNEX II

"TABELLA IV

(b) L-ammonti bażiċi għal materja prima agrikola meqjusa għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli:

Materja prima agrikola	Ammont bażiku applikat fuq in-naħa Svizzera Art. 3(2)	Ammont bażiku applikat fuq in-naħa tal-UE Art. 4(2)
	CHF għal kull 100 kg nett	EUR għal kull 100 kg nett
Qamħ komuni	20,00	0,00
Qamħ durum	1,00	0,00
Segala	10,00	0,00
Xgħir	—	—
Qamħirrum	—	—
Dqiq tal-qamħ komuni	42,00	0,00
Trab tal-ħalib sħiħ	212,00	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	123,00	0,00
Butir	514,00	0,00
Zokkor abjad	—	—
Bajd	32,00	0,00
Patata friska	21,00	0,00
Xaħam veġetali	145,00	0,00"